# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2116

Każ Nru 2777/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Vincent Bezzina

u

Five Star Hotels Limited

dwar tkeċċija mill-impieg

allegata li hi nġusta

Data: 23 ta' Novembru 2011

**Chairman: Franco Masini**

### 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors magħmul fis-16 ta' April 2010 mill-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem Vincent Bezzina fejn dan allega li fit-8 ta' Frar 2010 huwa kien ġie illegalment liċenzjat mis-Soċjetà Five Star Hotels Limited. Din is-Soċjetà li kienet rappreżentata minn Mounir Sami, *General Manager,* assistit mill-Avukat Karl Briffa, innegat dan. Inżammu disa' seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba nuqqasijiet infrastrutturali li jrid iħabbat wiċċu magħhom it-Tribunal kif ukoll in-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif jistipula l-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent jgħid li kien ilu jaħdem mal-Grupp Corinthia bħala *chef* għal erbatax il-sena u nofs u dejjem qeda' dmirijietu. Jgħid li huwa spiċċa vittma ta' nuqqasijiet ta' ħaddieħor u għalhekk it-tkeċċija tiegħu kienet inġusta. Huwa dejjem qeda' d-dmirijiet tiegħu sewwa tant li ftit ġimgħat qabel tkeċċa kien intwera l-apprezzament tal-*General Manager* f'*email* li kienet intbagħatet lil superjur tiegħu.

Is-Soċjetà Ntimata tgħid li r-Rikorrent kien tkeċċa għal raġunijiet dixxiplinari. Huwa kien ingħata diversi twissijiet u n-nuqqasijiet tiegħu kienu tali li kienu jippreġudikaw serjament ir-reputazzjoni tagħha u li setgħu kienu ta' detriment għas-saħħa tal-klijenti tagħha. Għaldaqstant it-tkeċċija tiegħu kienet waħda ġusta u skond il-liġi.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Is-Soċjetà Ntimata tibbaża r-raġunijiet għal dan il-liċenzjament fuq il-fatt li r-Rikorrent wara li kien ingħata struzzjonijiet dwar titjib li kellu jsir fil- *Henry J. Beans Bar and Grill* fejn kien jaħdem wera nuqqas ta' osservanza ta' regoli ta' iġjene u *standards* ta' tisjir kif ukoll nuqqas ta' *leadership*. Tant hu hekk li wara twissijiet li sarulu komplew jidħlu ilmenti minn klijenti. Ġew imbagħad indikati xi inċidenti partikolarment dak tal-24 ta' Settembru 2009 meta saret spezzjoni u nstagħab li kien hemm xi *burgers* li kienu ġa msajrin xi sagħtejn qabel il-ftuħ tal-*Bar*, kif ukoll xi ikel ieħor li kien ilu msajjar xi erbgħat ijiem qabel. Għad li r-Rikorrent ma kienx preżenti huwa ġie imwissi u ġie imfakkar bil-proċeduri ta' tisjir korretti li suppost isiru. Inċident ieħor ġara fit-18 ta' Diċembru 2009 meta waqt spezzjoni oħra għal ħabta ta' nofsinhar instagħabu numru ta' *hamburgers* ġa msajra u qedin f'likwidu jagħli. Irid jingħad li dakinhar kellu jkun hemm grupp ta' nies għall-ikla ta' nofsinhar. Ir-Rikorrent jgħid li dawn il-*burgers* kienu ntiżi biex jikluhom l-impjegati. Iżda s-Soċjetà Ntimata tgħid li f'nofsinhar l-impjegati ma kienux permessi li jieklu hemm iżda fil-*canteen*. Is-Soċjetà Ntimata tirritjeni li dawn il- *burgers* kienu ntiżi biex jiġu servuti lill-grupp imsemmi u mhux għall-impjegati u għalhekk kienu qed jiġu preparati wisq qabel ma kellhom jiġu servuti. Kien hemm finalment okkażjoni oħra meta klijent ilmenta dwar il-*burgers*, dwar ikel ieħor u ntqal ukoll li kienu servuti zewġ jew tliet minuti biss wara li kienu

ordnaw li jfisser li preparazzjoni kienet ilha li saret. Għal darb'oħra r-Rikorrent jgħid li dakinhar voldieri fil-31 ta' Jannar 2010 meta ġara l-inċident huwa ma kienx *duty*. Ittieħdet imbagħad id-deċiżjoni li r-Rikorrent kellu jiġi liċenzjat għal raġuni dixxiplinarja.

It-Tribunal isibha diffiċli li jagħti piż lill-allegati nuqqasijiet li ġie mixli bihom ir-Rikorrent meta dan ma kienx fisikament preżenti meta twettqu. Veru li fid-deposizzjoni tiegħu pprova jiġġustifikahom u dana jsaħħaħ l-argument tas-Soċjetà Ntimata li huwa kien ultimament responsabbli għal proċedura fil-kċina. It-Tribunal ta ħarsa fuq l-operat sħiħ tar-Rikorrent, esklużi biss iż-żewġ inċidenti fejn kien assenti. It-Tribunal isib li l-operat tar-Rikorrent waqt il-ħajja lavorattiva tiegħu kien miżgħud bi twissijiet fejn saħansitra f'kuntest differenti (Dok UB6) ġie mwissi li sata' jiġi imkeċċi. Ir-Rikorrent ipprova jiġġustifika n-nuqqasijiet tiegħu billi jwaħħal f'nuqqas ta' tagħmir, kċina ċkejkna u materjal skadenti. Iżda fl-opinjoni tat-Tribunal dana kollu ftit huwa kredibbli. Huwa manifestament ċar, u dan joħroġ anke mit-twissijiet li ingħata fil-passat, illi r-Rikorrent naqas li jottempra ruħu mar-regolamenti u l-i*standards* li kien jingħata struzzjonijiet dwarhom mis-superjuri tiegħu. In-nuqqasijiet li bihom ġie addebitat ir-Rikorrent huma gravi mhux biss għax setgħu serjament jippreġudikaw l-isem tajjeb u r-reputazzjoni tas-Soċjetà Ntimata iżda iktar u iktar għax kien hemm fin-nofs is-saħħa tal-klijenti li kienu jiffrekwentaw il-*Bar* u *Grill* fejn kien jaħdem.

**<u>4. Deċiżjoni</u>**

It-Tribunal Industrijali jsib li l-liċenzjament tar-Rikorrent Vincent Bezzina minn mas-Soċjetà Ntimata Five Star Hotels Limited kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**<u>5. Drittijiet</u>**

Ai termini ta' l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju